90 sena

# L-AKKADEMJA TAL-MALTI (1920)

info@akkademjatalmalti.com | www.akkademjatalmalti.com



## Żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta

Nhar is-16 ta' Mejju 2009 membri mill-kunsill tal-Akkademja tal-Malti (2007-2009) żaru lill-President ta' Malta, l-E.T. Dr George Abela fil-Palazz, il-Belt. Is-Sur Anton Agius Muscat ippreżenta sett ta' ħarġiet ta' *Il-Malti* lil Dr George Abela li rreċiproka billi stieden lill-Akkademja tal-Malti tingħaqad mal-uffiċċju tiegħu biex issir serata mużikoletterarja li għaliha jkunu mistiedna l-awturi flimkien mal-imsieħba tal-Akkademja.

## F'għeluq id-disgħin anniversarju

L-Akkademja se tagħti bidu għal sensiela ta' attivitajiet bil-ħsieb li tlaqqa' aktar lill-membri tagħha. Għalhekk nistiednu lill-membri tagħna biex ikunu attivi u jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet li se norganizzaw.

Minbarra ż-żjara sal-Arkivju Notarili u s-sensiela ta' taħditiet akkademiċi, l-Akkademja ser tibda torganizza attivitajiet flimkien ma' għaqdiet oħra. Se nibdew b'attività mal-Għaqda Maltija tal-Folklor bi żjara lil Casa Rocca Piccola, il-Belt, nhar is-Sibt, 6 ta' Marzu 2010 fid-9.30am. Il-prezz taż-żjara se jkun bi skont ta' €3.50 flok €7, dejjem jekk jirnexxilna ngħaqqdu 20 ruħ bejn iż-żewġ għaqdiet. Għal aktar informazzjoni jew biex tibbukkjaw ċemplu lis-Sur Saviour Camilleri: 25905234/79051232.

## Imsieħba ġodda

**Is-Sa Tessie Bonello, gradwata tal-Kors tal-Qarrejja tal-Provi fil-Malti (ĊQP)**
**Is-Sur Reno Fenech M.A.**
**Is-Sur Ġużi Gatt (Segretarju, Għaqda tal-Folklor u editur ta' *L-Imnara*)**
**Is-Sa Maria Ferstl M. Phil. u Diploma fil-Filoloġija (Greċja)**
**Is-Sur Joseph Mizzi, gradwat tal-Kors tal-Qarrejja tal-Provi fil-Malti (ĊQP)**
**Dr Mary Muscat LL.D, M.Sc (Legal & Hum.), B.A. Gen., Dip. Pol. Stu., Dip. Tib. Eccl. Melit., Cert. Crim., ĊQP**
**Is-Sa Jennifer Vella, gradwata tal-Kors tal-Qarrejja tal-Provi fil-Malti (ĊQP)**

## Il-Kunsill il-Ġdid (2009-2011)

**President**
Carmel Azzopardi
**Viċi President**
George Farrugia
**Segretarju**
Joseph P. Borg
**Assistent Segretarju**
Saviour Camilleri
**Teżorier**
Inġ. Maurice Mifsud Bonnici
**Assistent Teżorier/Arkivista**
Nicholas Vassallo
**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi**
Sergio Grech
**Assistent URP**
Thomas Pace
**Membri**
David Agius Muscat
Lawrence Deguara
Olvin Vella

## Kotba
### għall-arkivju tagħna

**Gwida għall-ortografia**
it-tieni edizzjoni (2007) ta' Carmel Azzopardi

**Gwida għall-ortografija – it-taħriġiet**
(2006) ta' Carmel Azzopardi

**Kannizzati 1**
volumi 1, 2 u 3 (2008) ta' Carmel Azzopardi

**Ommi**
Diska kompatta ta' Doreen Galea, mużika ta' Dominic Galea

**Ħajkumanija**
Maurice Mifsud Bonnici





# Il-President il-ġdid

Carmel Azzopardi B.A (Gen), M.A., Dip. Educ. (Adm. & Mgt) għallem il-Malti fil-livell sekondarju għal 25 sena. Okkupa wkoll il-karigi ta' Assistent Kap tal-Iskola, Aġent Kap tal-Iskola u Uffiċjal Edukattiv (Riċerka u Dokumentazzjoni) fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Għal snin għallem l-ortografija (kontenut u pedagoġija) lil studenti tal-B.Ed fl-Università ta' Malta. Fl-istudji tiegħu speċjalizza fl-ortografija tal-Malti u għall-M.A. ressaq it-teżi *L-Ortografija Uffiċjali tal-Malti: Analiżi Lingwistika Kritika b'Suġġerimenti għal Titjib*. Għal snin okkupa l-kariga ta' President tal-Għaqda tal-Malti (Università) u bejn l-2000 u l-2004 okkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Akkademja tal-Malti u kien ukoll President tal-Kummissjoni Lingwa fi ħdan l-istess Akkademja. Bejn Ġunju 2004 u Settembru 2009 ħadem fid-Direttorat għat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija tal-Parlament Ewropew fil-Lussemburgu u għal erba' snin u nofs okkupa l-kariga ta' Kap tal-Unità Maltija tat-Traduzzjoni fl-istess direttorat. Inħatar President tal-Akkademja f'Settembru 2009. Hu awtur, fost xogħlijiet oħra, ta' *Gwida għall-Ortografija - għajnuniet għall-kitba bil-Malti*, *Gwida għall-Ortografija – it-taħriġiet*, *Kannizzati* (volumi 1, 2 u 3) u *Xpakka* (1 u 2). Hu wkoll koawtur ta' *Regoli għal Kitba tal-Malti*. Ta kontribut fit-tliet seminars organizzati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti: "Il-Varjani Ortografiċi", "Il-Kliem ta' Nisel Ingliż fil-Malti" u "Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna" u wkoll fit-tfassil ta' "Deċiżjonijiet 1".

# Nifirħulhom...

Awguri lill-kittieba kollha li ħadu sehem fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb speċjalment lill-imsieħba tagħna: Clare Azzopardi (*Meta l-Milied ma Ġiex*); Charles Bezzina (*Meta Siket il-Baħar*); Charles Briffa (*Il-Letteratura Maltija*); Victor Fenech (*Il-Profeta*); Oliver Friggieri (*Fjuri li ma Jinxfux*); Adrian Grima ma' Immanuel Mifsud, *Riħ min-Nofsinhar*); Joseph Sciberras (*Ġabra ta' Leġġendi*); Trevor Żahra (*Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa*; *Il-Ġenn li jżommni f'Sikkti*); William Zammit (*Printing in Malta*).

Is-Sur Charles Magro li ngħata l-ġieħ tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu u s-Sur Alfred Palma u Rev. Donat Spiteri li ngħataw il-ġieħ tal-Qadi lir-Repubblika ta' Malta.



# Il-Malti ħarġa letterarja 2010

Il-bord editorjali għall-ħarġa ta' *Il-Malti* – edizzjoni letterarja 2010 huwa magħmul minn Carmel Azzopardi (editur); Inġ. Maurice Mifsud Bonnici (Teżorier) u Stephen Bonanno, Joseph P. Borg, Lawrence Deguara, Victor Fenech (membri).

Il-membri huma mistednin jibagħtu l-kitbiet tagħhom lill-bord editorjali mhux aktar tard mit-30 ta' April 2010 fl-indirizz tal-editur: "Dorika" Triq Salvu Psaila, Birkirkara BKR 9079.



# Żjara sal-Arkivju Notarili

L-Akkademja ser torganizza ħarġa kulturali mill-aktar interessanti għal min għandu għal qalbu l-Malti bikri u l-arkivji. Nhar is-26 ta' Frar 2010 fit-2.00pm se nżuru l-Arkivju Notarili fejn se jkollna lil Dr Joan Abela u lis-Sur Paul Camilleri jiggwidawna mal-arkivju u juruna t-teżori li hemm merfugħa fih, fosthom il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro. L-Arkivju Notarili jinsab fi Triq San Kristofru, kantuniera ma' Triq San Pawl, il-Belt. Aktar minn għoxrin elf reġistru, flimkien ma' kuntratti, testmenti u donazzjonijiet huma merfugħa fl-arkivju. Nirringrazzjaw lil Dr Cora Vella biex setgħet issir din iż-żjara.

Dawk interessati li jingħaqdu magħna nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2010 għandhom iċemplu lis-Segretarju (7959 2231) jew jibagħtu ittra-e fl-indirizz: lehenilmalti@gmail.com

minn Dr Marco Galea

# L-Akkademja tissieħeb fil-European Writers Council

Il-European Writers' Council hija organizzazzjoni li tirrappreżenta l-għaqdiet tal-kittieba madwar l-Ewropa, tlaqqa' rappreżentanti ta' dawn l-għaqdiet biex jiddiskutu ħwejjeġ li huma ta' interess komuni, toħloq koperazzjoni bejn kittieba u għaqdiet tal-kittieba f'pajjiżi differenti u tmexxi 'l quddiem inizjattivi favur il-kittieba u l-letteratura fl-Ewropa. Minħabba li huwa rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea, u jirċievi sussidji mill-aġenziji tagħha għal ħafna mill-proġetti tiegħu, l-EWC sikwit jgħin lill-għaqdiet tal-kittieba fi kwistjonijiet li jkollhom mal-gvernijiet lokali f'affarijiet bħal drittijiet tal-awturi u kwistjonijiet oħra li jistgħu jolqtu l-letteratura u l-kittieba.

L-EWC huwa mmexxi minn bord elett mir-rappreżentant/a ta' kull għaqda li hija membru flimkien ma' segretarju ġenerali li huwa impjegat/hija impjegata tal-EWC. L-EWC jopera minn Brussell, u huwa rregolat mil-leġiżlazzjoni Belġjana. Il-membri huma organizzazzjonijiet tal-kittieba, jew organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-kittieba (bħalma huma organizzazzjonijiet li jiġbru d-drittijiet tal-awturi f'isimhom) minn madwar l-Ewropa. Dawn l-għaqdiet ivarjaw ħafna fid-daqs u fl-għanijiet tagħhom, imma l-biċċa l-kbira jirċievu għajnuniet kbar mill-aġenziji tal-Istat biex jiffunzjonaw fuq livell professjonali u jagħtu servizz tajjeb lill-komunità tal-kittieba. Kważi kollha għandhom uffiċċji tagħhom immexija minn impjegati *full-time* li ħafna drabi jkunu huma stess kittieba.

Il-proġett biex l-Akkademja tal-Malti tissieħeb fil-European Writers' Council beda bħala parti mill-ħidma tal-kunsill bejn l-2005 u l-2007. Wara li l-idea li l-Akkademja tissieħeb fil-EWC ġiet diskussa fil-kunsill, inbeda kuntatt mal-EWC biex insiru nafu l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom aħna stajna napplikaw, u l-proċeduri li kellna nsegwu jekk niddeċiedu li nagħmlu dan. Imbagħad, il-proposta għal din l-applikazzjoni tressqet fil-laqgħa ġenerali annwali tal-2007 u ġiet approvata. Wara dan setgħet issir applikazzjoni formali lill-EWC biex l-Akkademja tal-Malti tissieħeb. L-applikazzjoni tagħna ntlaqgħet mill-bord tal-EWC u ġejna mistiedna nibagħtu rappreżentant għal-laqgħa ġenerali annwali tal-21 ta' Ġunju 2009 f'Marsilja kif ukoll għall-konferenza Mare Nostrum li l-EWC torganizza kull sentejn, u li saret fl-istess belt fil-jumejn ta' qabel il-laqgħa ġenerali annwali.

F'din il-laqgħa ġenerali s-sħubija tagħna ġiet ratifikata b'mod unanimu mir-rappreżentanti tal-għaqdiet preżenti. Bl-istess mod ġew ratifikati organizzazzjonijiet minn pajjiżi oħra. Wara, bħala r-rappreżentant tal-Akkademja tal-Malti, għamilt diskors sabiex nintroduċi l-Akkademja tal-Malti u l-letteratura Maltija lid-delegati preżenti.

Fl-elezzjoni li saret biex jiġi elett bord ta' tmexxija ġdid, l-Akkademja la setgħet tivvota u lanqas tressaq kandidati, minħabba li sal-bidu tal-laqgħa kienet għadha mhix membru sħiħ tal-EWC. Minn issa 'l quddiem, l-Akkademja għandha l-vot u minħabba li hi l-ewwel organizzazzjoni Maltija li hija membru għandha ċerti privileġġi fuq organizzazzjonijiet oħra Maltin li jistgħu jissieħbu 'l quddiem.

Is-sħubija tagħna f'din l-organizzazzjoni Ewropea għandha ġġibilna ħafna opportunitajiet kemm bħala kittieba individwali (hi x'inhi n-natura tal-kitba tagħna) kif ukoll bħala nies li għandna għal qalbna l-letteratura Maltija. Permezz tal-EWC l-letteratura Maltija jista' jkollha viżibilità ħafna akbar fl-ambjent Ewropew. Il-kittieba Maltin jistgħu jgawdu minn opportunitajiet li qabel ma kellhomx u jista' jkollhom għajnuna biex jegħlbu ħafna mid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom. L-isfida li għandha quddiemha l-Akkademja issa hija li tkun membru attiv fl-EWC biex tisfrutta l-opportunitajiet li jeżistu.

Waqt il-konferenza u waqt il-laqgħa ġenerali l-interess fil-letteratura Maltija u fil-kittieba Maltin kien kbir. Pereżempju, b'mod informali, ħafna delegati, u diversi membri tal-bord tat-tmexxija wrew ix-xewqa li Malta tesplora l-possibbiltà li torganizza l-konferenza Mare Nostrum fl-2011. Din hija konferenza importanti ħafna, mhux biss fil-kalendarju tal-EWC imma għal-letteratura fuq livell Ewropew. Fiha jiltaqgħu kittieba, tradutturi u studjużi importanti minn madwar l-Ewropa u l-Mediterran biex jiddiskutu suġġetti li jolqtu l-kitba fir-reġjun b'mod akkademiku u professjonali. Jekk Malta jirnexxilha tospita din il-konferenza, ikun mument importanti ħafna għal-letteratura Maltija u għal Malta fil-letteratura. Il-kittieba Maltin ikollhom iċ-ċans li mhux biss jiltaqgħu ma' ħafna kittieba oħra minn pajjiżi differenti, imma wkoll li jesponu x-xogħol tagħhom quddiem pubbliku letterarju wiesa'. Naturalment l-Akkademja m'għandhiex ir-riżorsi biex waħidha torganizza u tospita din il-konferenza, imma bl-għajnuna ta' entitajiet li għandhom għal qalbhom il-letteratura, bħall-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ilsien Malti, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, kif ukoll ambaxxati ta' pajjiżi barranin f'Malta u istituti kulturali barranin f'Malta, tista' ssib ir-riżorsi biex tidħol għal biċċa xogħol kbira bħal din, u b'hekk tgħin biex tkompli tqiegħed il-letteratura Maltija fuq il-mappa dinjija tal-letteratura, fejn pajjiżi żgħar bħalna għandhom diġà preżenza u rispett.

Is-sħubija tal-Akkademja tal-Malti fil-EWC hija pass 'il quddiem fl-istorja tal-Akkademja tal-Malti. M'għandix dubju illi kieku l-fundaturi tal-Għaqda Kittieba tal-Malti għadhom magħna mhux biss kienu japprovaw din is-sħubija, imma kienu wkoll iħeġġuna biex nisfruttaw din il-linja ġdida ta' komunikazzjoni li nfetħitilna għall-ġid tal-letteratura Maltija. Ninsab ċert li m'aħniex se niddiżappuntawhom.

# L-ewwel seminar tal-EWC

Bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2009 il-President tal-Akkademja, is-Sur Carmel Azzopardi attenda seminar organizzat mill-EWC fi Brussell. Is-seminar kien miftuħ għal għaqdiet tal-awturi u fih ġew trattati suġġetti li jinteressaw lill-kittieba.

Ingħatat informazzjoni fuq il-Public Lending Rights, id-drittijiet tal-awturi li jirċievu ħlas meta l-kotba tagħhom jissellfu bla ħlas fil-librerji. Suġġett ieħor li kien trattat waqt is-seminar kien il-Collecting Societies. Dawn huma soċjetajiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-awturi u jħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom. Huma jiġbru l-flus dovuti lill-awturi membri għall-użu sekondarju tax-xogħlijiet tagħhom. Dan l-użu jinkludi l-iffotokopjar, ir-riproduzzjoni diġitali, l-irrekordjar fil-qasam edukattiv u l-użu rrepetut permezz tal-internet.

Fis-seminar ingħataw ukoll dettalji dwar il-**Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea**. Dan il-premju (5,000 ewro) tnieda l-ewwel darba fl-2009 u l-ewwel rebbieħa ngħataw il-premju f'Settembru. Dan il-premju jingħata kull tliet snin lil awtur wieħed minn kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Fl-ewwel edizzjoni l-premju ngħata lil tnax-il pajjiż, grupp ieħor ta' pajjiżi se jieħdu l-premju fl-2010 u Malta se tingħata l-premju mal-aħħar grupp, jiġifieri fl-2011. Biex jikkwalifika għal dan il-premju, il-kittieb irid ikun awtur emerġenti, jiġifieri awtur li ppubblika l-ewwel xogħol fil-ħames snin ta' qabel is-sena meta se jintrebaħ il-premju u f'dan il-perjodu jrid ikun ippubblika mill-anqas żewġ xogħlijiet. Għalkemm m'hemmx il-ħtieġa li x-xogħol ikun tradott f'ilsna oħra, ix-xogħol rebbieħ jingħata preferenza biex it-traduzzjoni tiegħu tkun sponsorjata minn fond apposta tal-Kummissjoni. Ta' min hawnhekk jappella lill-awturi emerġenti Maltin biex jippreparaw għal dan il-premju li jġorr miegħu prestiġju kbir u anke jagħti l-opportunità li xogħol bil-Malti jkun tradott f'ilsna oħra u espost fil-vetrina Ewropea.

# L-Akkademja
## tniedi sensiela ta' taħditiet

### Nhar it-Tlieta, 2 ta' Marzu 2010

Il-President tal-Akkademja tal-Malti, is-Sur Carmel Azzopardi, se jiftaħ sensiela ta' taħditiet li għandhom iservu kemm ta' aġġornament kif ukoll ta' għajnuna għal dawk kollha li jinteressaw ruħhom kemm fl-istudju tal-Malti kif ukoll fil-letteratura Maltija.

L-ewwel taħdita se tkun fuq l-**ortografija** u dawk kollha li jixtiequ jressqu l-mistoqsijiet jew id-diffikultajiet tagħhom huma mitluba jibagħtuhom fl-indirizz elettroniku muri fuq jew lis-Sur Carmel Azzopardi fl-indirizz "Dorika" Triq Psaila, Birkirkara BKR 9079.

Min jiġi bil-karozza jista' jipparkja fil-bitħa tal-iskola



It-taħditiet se jsiru fis-sala tal-Iskola Primarja, Ħ'Attard, fis-6.00pm.



**www.akkademjatalmalti.com**

Inħeġġuk iżżur is-sit tal-Akkademja, li minn żmien għal żmien qed inkomplu naġġornaw il-kontenut tiegħu. Matul dawn l-aħħar xhur komplejna nżidu r-riżorsi fil-librerija elettronika tagħna u l-bijografiji. Fis-sit hemm ukoll ir-regoli kollha tal-ortografija tal-Malti. Dawn żgur li huma utli għall-istudenti u għal kull min juża l-Malti f'xogħlu. Mis-sit tista' wkoll tinkiteb magħna biex tibda tirċievi l-avviżi tal-Akkademja u avviżi oħra marbuta mal-avvenimenti tal-Malti li jkunu qed iseħħu.

Is-sit tal-Akkademja tal-Malti huwa fi ħsieb is-Sur Thomas Pace.

# Il-miżata għas-sena 2009

Nitolbu lill-membri biex jaġġornaw is-sħubija tagħhom fl-Akkademja tal-Malti għas-sena 2009 b'ċekk ta' €12 (jew €7 għall-membri anzjani) magħmul f'isem l-Akkademja tal-Malti u mibgħut lit-Teżorier, Inġ Maurice Mifsud Bonnici, "Dar is-Sagħtar", Triq il-Fortizza tal-Mosta, San Pawl tat-Tarġa, In-Naxxar, NXR 2303.

*L-għajnuna u l-appoġġ tagħkom jgħinu lill-Akkademja tal-Malti tilħaq l-għanijiet li għalihom twaqqfet u tissokta ħidmietha b'attivitajiet kulturali, seminars u pubblikazzjonijiet.*

*Napprezzaw ħafna li l-ħlas isir mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010.*



Editur: Joseph P. Borg